14 ta' Diċembru, 1953.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President;*
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Antonio Xuereb *versus* Maria Xuereb**

**Separazzjoni Personali — Abbandun — Inġurji Gravi — Debitu Konjugali — Art. 48 u 54 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Biex l-abbandun tal-konjuġi jista' jagħti lok għas-separazzjoni personali, mhux biżżejjed li jkun hemm l-allontanament materjali mid-dar konjugali, imma jeħtieġ illi dak l-allontanament ikun mingħajr ġusta kawża, u illi jipprolunga ruħu mingħajr ġusta kawża għal sentejn jew iżjed.*

*Imma jekk fiż-żmien ta' l-allontanament kien hemm xi perijodu li fih kien hemm pendenti proċeduri ta' separazzjoni personali, dak il-*

*perijodu ma għandux jiġi komputat fil-kalkolu tas-sentejn. B'mod li, jekk il-mara tkun allontanat ruħha bla raġuni tajba mid-dar ta' żewġha, u fiż-żmien li damet bogħod minn dik id-dar hija għamlet xi proċeduri ta' separazzjoni personali kontra żewġha, iż-żmien li damet sejra l-kawża tas-separazzjoni, avvolja l-eżitu tagħha jkun sfavorevoli għall-mara, ma għandux jiġi komputat fis-sentejn; għax fil-pendenza tal-kawża tas-separazzjoni l-liġi tagħti lill-mara, sija jekk attriċi kemm jekk konvenuta, id-dritt li titbiegħed mid-dar ta' żewġha sakemm iddum il-kawża tas-separazzjoni, dritt li l-liġi tagħtiha inkondizzjonatament; u għalhekk fiż-żmien li damu sejrin dawk il-proċeduri hija kellha raġuni tajba biex toqgħod imbiegħda mid-dar konjugali.*

*Imma l-abbandun u l-persistenza fl-abbandun għal żmien twil bla raġuni tajba jikkostitwixxi inġurja gravi, jekk l-abbandun fiċ-ċirkustanzi tal-każ ikollu karattru inġurjuż; u għalhekk dak l-abbandun li ma jikkostitwix motiv ta' separazzjoni minħabba li ma damx sentejn jew iżjed, jista' jiġġustifika t-talba għas-separazzjoni jekk ikollu karattru inġurjuż. U dik l-inġurja tkompli tikber bl-akkużi li tkun għamlet il-mara kontra r-raġel fil-kawża tas-separazzjoni u li fiha dawk l-akkużi rriżultaw li mhumiex veri.*

*Il-fatt li l-mara tiċħad lir-raġel id-debitu konjugali kapriċċjożament jikkostitwixxi wkoll inġurja gravi li tiġġustifika t-talba tiegħu għas-separazzjoni personali.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni ta' Antonio Xuereb kontra Maria mart l-istess Antonio Xuereb, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Għawdex fil-Kompetenza Superjuri bħala Qor:i Ċivili, fejn qal illi huwa jinsab abbandunat minn martu, il-konvenuta, għal iżjed minn sentejn, u dina rrendiet ruħha kolpevoli ta' inġurji gravi kontra tiegħu, kif kellu jiġi pruvat fil-kors tal-kawża; u billi l-instanti jinsab awtorizzat biex jippromwovi dan il-ġudizzju b'digriet ta' dik il-Qorti fil-Ġurisdizzjoni Volontarja Tagħha tas-7 ta' Novembru 1952 (dok. A); talab li, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti opportuni, tiġi minn dik il-Qorti dikjarata bejn il-kontendenti s-separazzjoni personali tagħhom għall-kawżi fuq espressi; u jiġi deċiż li hemm lok kontra tagħha għall-applikazzjoni ta' l-art. 56 u 57 tal-Kodiċi Ċivili; salv u impreġudikat kwalunkwe dritt ieħor.

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tar-rikors tal-31 ta' Ottubru 1952 quddiem dik il-Qorti fil-Ġurisdizzjoni Volontarja Tagħha;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-Qorti Ċivili ta' Għawdex ta' l-4 ta' Marzu 1953, li ċaħdet it-talba, bl-ispejjeż; billi kkunsidrat;

Illi ma hemmx kuntrast bejn il-partijiet li huma żżewġu f'Ġunju 1947, u miż-żwieġ tagħhom kellhom tliet itfal. Preżentement mhumiex igħixu flimkien, u ilhom igħixu hekk separati mill-10 ta' Frar 1950, meta l-konvenuta telqet middar ta' żewġha;

B'sentenza ta' dik il-Qorti mogħtija fit-18 ta' Jannar, 1952......... ġie dikjarat illi l-imsemmija Maria Xuereb iddekadiet mid-dritt għall-alimenti kontra żewġha, billi ġie ritenut illi f'dik l-okkażjoni hija telqet mid-dar konjugali mingħajr raġuni valida u rrifjutat li tmur lura, non ostanti li kienet ġiet interpellata minn żewġha biex tirritorna b'żewġ ittri uffiċjali........... waħda ta' l-20 ta' Frar 1950, u l-oħra tal-5 ta' April 1951;

Irriżulta illi xi ħmistax wara li l-konvenuta abbandunat lil żewġha................ Sadattant saru diversi trattativi bejn il-partijiet biex issir separazzjoni bonarja, iżda ma waslux għall-ftehim, u fit-8 ta' Novembru 1950 il-konvenuta ppreżentat rikors quddiem dina l-Qorti fil-Ġurisdizzjoni Volontarja Tagħha għas-separazzjoni personali............. Intant, fid-19 ta' April 1951 l-attur ippreżenta ċitazzjoni kontra martu għad-dekadenza mid-dritt għall-alimenti, ġa msemmija, u fit-8 ta' Ġunju 1951 il-konvenuta ppropopniet kontra żewġha l-kawża tas-separazzjoni, li ġiet deċiża kontra tagħha, billi t-talba ġiet miċħuda, u fl-istess jum ġiet maqtugħa l-kawża intentata minn żewġha fis-sens li ġa ntqal;

In segwitu, fis-7 ta' Mejju 1952, il-konvenuta għamlet ittra uffiċjali lill-attur, fejn infurmatu illi hija kienet pronta biex terġa' tmur toqgħod miegħu; iżda ftit wara, u preċiżament fid-29 ta' Mejju 1952, l-attur għamel rikors............ Il-konvenuta allura reġgħet bagħtet ittra fl-istess sens lill-attur, per mezz ta' l-Avukat Fortunato Mizzi, u għal dina l-ittra l-attur wieġeb illi huwa ma jridhiex miegħu; u fil-31 ta' Ottubru 1952 reġa' għamel rikors, li ġie dekretat fis-7 ta'

Novembru 1952, li bih beda l-proċedura preżenti. Iċ-ċitazzjoni preżenti ġiet preżentata fl-24 ta' Novembru 1952;

Illi l-attur qiegħed jibbaża l-istanza tiegħu fuq żewġ motivi; wieħed l-abbandun għal aktar minn sentejn u l-ieħor ingurji gravi;

Dwar l-ewwel motiv li fuqu l-attur qiegħed jibbaża t-talba tiegħu għas-separazzjoni, skond l-art. 48 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 23), "waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tiġi abbandunata mill-oħra mingħajr raġuni tajba";

Għalhekk, skond dana l-artikolu, biex l-abbandun ikun jista' jagħti lok għas-separazzjoni personali, mhux biżżejjed illi jkun hemm allontanament materjali mid-dar konjugali, imma jeħtieġ illi tali allontanament ikun mingħajr raġuni valida; mhux biss, imma wkoll li jipperdura għal sentejn jew iżjed. Fi kliem ieħor, jeħtieġ illi tali abbandun jeffettwa ruħu mingħajr raġuni tajba, għal sentejn jew iżjed;

Mill-fatti li rriżultaw pruvati, ġà riportati, jidher illi l-konvenuta ilha li telqet mid-dar ta' żewġha mill-10 ta' Frar 1950, u għalhekk minn dik id-data sa meta nbdiet il-proċedura preżenti fil-31 ta' Ottubru 1952 bil-preżentata tar-rikors quddiem din il-Qorti fil-Ġurisdizzjoni Volontarja Tagħha da parti ta' l-attur għaddew aktar minn sentejn; u għalhekk hemm allontanament mid-dar konjugali għal aktar minn sentejn;

Intqal ukoll illi l-konvenuta kienet telqet mid-dar konjugali mingħajr raġuni tajba. Iżda l-konvenuta tippretendi illi għall-finijiet tal-komputu ta' sentejn imsemmija mill-art. 48 ma jistgħux jiġu meħuda in konsiderazzjoni la l-perijodu li għadda mit-3 ta' Frar 1951 sat-18 ta' Frar 1952, billi matul dak iż-żmien kien hemm pendenti bejn il-partijiet kawża ta' separazzjoni intentata mill-konvenuta kontra l-attur (ċitaz. nru. 40/1951), u lanqas il-perijodu mis-6 ta' Ġunju 1952 'il quddiem, meta l-partijiet ftehmu quddiem il-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja li jmorru joqogħdu flimkien appena l-attur isib jikri;

Tabilħaqq, skond l-art. 54, fil-pendenza tal-kawża tas-separazzjoni l-mara, attriċi jew konvenuta, hija awtorizzata

titlaq mid-dar ta' żewġha, purkè ma tirrifjutax li tmur tgħix fil-post li jassenjalha żewġha u ma tħallix il-post għal xejn b'xejn. Għalhekk matul dawk iż-żmien kollu li damet miexja dik il-kawża tas-separazzjoni ma jistax jingħad illi l-allontanament tal-konvenuta mid-dar konjugali kien mingħajr raġuni tajba, una volta li *hija kienet awtorizzata* mill-istess liġi ma tgħix mar-raġel. Għalhekk lanqas jista' jingħad illi l-allontanament tal-konvenuta mid-dar konjugali baqa' jipperdura mingħajr raġuni tajba għal sentejn sħaħ, una volta li mill-perijodu kollu ta' sentejn u tmien xhur, li fih damet barra mid-dar konjugali l-konvenuta, sena jew kważi minnhom hija kienet awtorizzata *mill-liġi tgħix barra mid-dar konjugali*;

Ma jistax għaldaqstant jingħad illi dina l-kawżali ġiet pruvata;

L-attur, però, qiegħed jibbaża t-talba tiegħu fuq kawża oħra wkoll, u ċjoè fuq inġurji gravi;

Hu risaput illi l-inġurji gravi jistgħu jirriżultaw minn kliem jew minn fatti; iżda l-attur ma ppruvax, u lanqas jippretendi illi l-konvenuta ngurjat bil-kliem lill-attur; però jippretendi illi, jekk l-abbandun tad-dar konjugali da parti tal-konvenuta ma jirrivestix l-element kollu rikjest mill-art. 48 gà msemmi, jammonta però għal inġurja gravi, u għalhekk jagħti lok għas-separazzjoni personali;

Hu veru illi, skond id-dottrina (Baudry, Delle Persone, Vol. IV, no. 44, 45, 46 u 47, u Laurent, Diritto Civile, Vol. III, para. 195), u anki skond il-ġurisprudenza tal-Qrati Tagħna (v. Vol. VIII, p. 876, Vol. XXI—II—344, u Vol. XXVI—II—9), l-abbandun mhux protratt għaż-żmien kollu rikjest *mill-liġi* bħala kawża tas-separazzjoni, jista' jiġi meħud in konsiderazzjoni bħala inġurja; però mhux kwalsijasi abbandun inġustifikat jista' jiġi kunsidrat bħala inġurja gravi, imma dak biss li jkun akkompanjat minn ċirkustanzi tali li jattribwulu karattru inġurjuż. Infatti, kieku kellu jiġi ritenut diversament, almenu għall-finijiet tal-liġi tagħna, ma kienx ikun hemm *għalfejn il-liġi timponi l-kondizzjoni illi*, biex ikun jista' jagħti lok għas-separazzjoni, jeħtieġ li jipperdura għal sentejn, għaliex dik il-kondizzjoni kienet tkun super-

fluwa;

Għalhekk, biex jiġi deċiż jekk l-abbandun jammonta ghal inġurja, jiddependi mić-ċirkustanzi kollha, u huwa kwistjoni ta' fatt. Hekk, pereżempju, ġie deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina fil-kawża "Carmela Meilak vs. Antonio Meilak" deċiża fil-25 ta' Ottubru 1911 (Vol. XXI—II—344) :— "Atteso che l'ingiusto abbandono della casa coniugale è per sè stesso una causa per la quale il coniuge possa domandare la separazione, e quando non è protratto per il tempo contemplato dalla legge l'abbandonare nell'indigenza la moglie ed i propri figli, specialmente quando costoro, come nel caso, sono di così tenera età da non poter provvedere a sè stessi, costituisce una crudeltà, una barbarie, una sevizia ed una ingiuria";

Issa, fil-każ in ispeċje ma jidherx illi l-abbandun da parti tal-konvenuta tad-dar konjugali jirrivesti ebda karattru inġurjuż. Infatti, għalkemm il-konvenuta telqet mid-dar konjugali għal ebda raġuni tajba, ma jidherx illi hemm ebda ċirkustanza oħra li kienet tirrendi dana l-aġir tagħha inġurjuż. Hu veru illi hija damet sat-8 ta' Novembru 1950 biex tibda l-proċeduri għas-separazzjoni, però matul dak iż-żmien ġie pruvat li kienu saru diversi trattativi għas-separazzjoni bonarja. Mhux biss, imma wara li tilfet il-kawża tas-separazzjoni, billi ma rriżultat ebda ħaġa serja, la minn banda u lanqas mill-oħra, li fuqha setgħet tiġi mogħtija s-separazzjoni, ftit xhur wara, u preċiżament fis-7 ta' Mejju 1952, hija nfurmat lill-żewġha b'ittra uffiċjali li hija kienet pronta biex terġa tmur miegħu; u meta għamel ir-rikors għas-separazzjoni, u dehru quddiem il-Qorti, hija aċċettat li tmur miegħu malli jikri. Meta żewġha ma segwiex il-ftehim li kien sar quddiem il-Qorti, hija reġgħet kitbitlu ittra fl-istess sens, u, non ostante li l-attur reġa' għamel rikors u istitwixxa dan il-ġudizzju, hija baqgħet iżżomm l-istess atteġġjament tagħha li trid tmur toqgħod ma' l-attur;

F'dawn iċ-ċirkustanzi ma jidherx li hemm ebda ħaġa li tista' tikkwalifika bħala inġurjuż l-abbandun tal-konvenuta; u una volta li ma hemm ebda raġuni serja li fuqha tista' tingħata s-separazzjoni, ma jidherx illi t-talba hija fondata;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur, li biha dan appella

mis-sentenza fuq imsemmija tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Għawdex, ta' l-4 ta' Marzu 1953;

Rat il-petizzjoni ta' l-attur appellant, li talab ir-revoka tas-sentenza fuq imsemmija tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Għawdex, u l-laqgħa tat-talba tiegħu; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi rriżulta li l-appellata telqet mid-dar ta' żewġha u ħallietu fl-10 ta' Frar 1950, u wara sena u erba' xhur neqsin jumejn għamlet kontra żewġha, l-appellant, kawża ta' separazzjoni *personali fit-8 ta'* Ġunju 1951, għar-raġuni ta' eċċessi, minaċċi, sevizji u inġurji gravi. Iżda l-kawża tilfitha bl-ispejjeż b'sentenza tat-18 ta' Jannar 1952; u dina s-sentenza tifforma l-lum kontra tagħha "res judicata", u timporta l-konstatazzjoni ġudizzjarja li da parti ta' l-appellant ma kienx hemm kontra l-appellata eċċessi, minaċċi u sevizji, u lanqas *inġurji gravi*. Meta l-appellata telqet mid-dar ta' l-appellant, dana, b'ittra uffiċjali tal-20 ta' Frar 1950, interpella lill-martu biex terġa' tmur miegħu; u billi dina ma marritlux, b'ittra uffiċjali oħra tal-5 ta' April 1951, reġa' mill-ġdid interpellaha biex terġa' tmur miegħu, inkella titlef id-dritt għall-manteniment. Iżda lanqas fuq din l-interpellazzjoni ma marret lura miegħu; u allura, fid-19 ta' April 1951, huwa għamlilha kawża biex jiġi dikjarat li tilfet kull dritt ta' alimenti kontra tiegħu, peress li telqet mid-dar tiegħu bla ebda raġuni valida fil-liġi. B'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Għawdex tat-18 ta' Jannar 1952, l-appellant rebaħ dik il-kawża, u l-lum dik is-sentenza tifforma ġudikat kontra l-appellata, u timporta li *l-abbandun tagħha* tad-dar konjugali ma kienx ġustifikat. Dawk iż-żewġ ġudikati, u l-konstatazzjoni tal-fatti li jimplikaw fil-konfront tal-partijiet, għandhom, u ma jistgħux ma jiġux, jiġu meħuda fil-konsiderazzjoni tal-Qorti bħala deċiżivi, għax għall-partijiet jagħmlu stat definitiv; u għalhekk, kuntrarjament għal dak li ppretendiet l-appellata *fir-risposta għall-petizzjoni* ta' l-appellant, dina l-Qorti ma tistax tidħol fil-meritu ta' dak li diġà ġie deċiż b'mod definitiv

u finali, u teżamina mill-ġdid jekk l-appellata kellhiex raġun jew le titbiegħed u toqgħod imbegħda minn żewġha;

Ikkunsidrat;

Illi, għall-finijiet ta' l-art. 48 tal-Kodiċi Ċivili, biex l-abbandun mingħajr raġuni tajba jagħti lok għas-separazzjoni, jeħtieġ li jkun dam għall-anqas għal sentejn, u għalhekk ma-tul dawn is-sentejn irid ikun hemm dejjem l-assenza ta' raġuni tajba. Fil-każ in eżami, bejn l-10 ta' Frar 1950 u t-8 ta' Ġunju 1951, raġuni tajba ta' l-abbandun da parti ta' l-appellata ma kienx hemm; għax dik ir-raġuni ġiet eskluża bis-sentenza fuq imsemmija. Iżda fit-8 ta' Ġunju 1951 l-appellata bdiet *il-kawża tas-separazzjoni*, u allura kisbet id-dritt mogħti mill-art. 54 tal-Kodiċi Ċivili, li titbiegħed mid-dar ta' żewġha sakemm iddum sejra l-kawża tas-separazzjoni; u ladarba dak huwa dritt li tagħtiha l-liġi inkondizzjonatament, sew meta tkun attriċi kemm meta tkun konvenuta, l-attriċi setgħet tagħmel użu minnu; u għalhekk għal dak il-perijodu l-abbandun kellu raġuni tajba, konsistenti fid-dritt li kienet tagħtiha l-liġi stess. Għaldaqstant sewwa qalet l-Ewwel Qorti, li dak il-perijodu ma jistax jiġi meħud in konsiderazzjoni għall-finijiet ta' l-art. 48 tal-Kodiċi Ċivili, lanqas wara li b'sentenza l-mara tilfet il-kawża minħabba li ma kellhiex raġuni tajba biex tinfired minn żewġha. U ladarba huwa hekk, peress li b'ittra uffiċjali tas-7 ta' Mejju 1952 l-appellata offriet li terġa' tmur ma' żewġha, jiġi li b'kollox l-appellata damet imbegħda bla raġuni tajba minn żewġha, sena sebgħa xhur u għoxrin ġurnata, u għalhekk anqas minn sentejn. Għaldaqstant mhux applikabili għall każ l-art. 48 fuq imsemmi tal-Kodiċi Ċivili;

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant ressaq ukoll bħala kawżali l-inġurji gravi u jsostni li l-abbandun għal żmien twil, għalkemm aqsar minn sentejn, bla raġuni tajba, huwa fih innifsu inġurja gravi, kif inhi wkoll inġurja gravi l-akkuża nfondata li martu għamlitlu meta pproponiet il-kawża tas-separazzjoni u allegat bħala kawżali l-eċċessi, is-sevizji, il-minaċċi u l-inġurji gravi.

Ikkunsidrat;

Illi l-abbandun u l-persistenza għal żmien twil fl-abban-

dun bla raġuni tajba, jikkostitwixxu inġurja gravi; għax, kif jgħid il-Baudry-Lacantinerie, "la persistenza e la continuità, in tal caso, sarebbero sufficienti a rivelare il carattere ingiurioso del fatto" (Delle Persone, Vol. IV, no. 47, p. 32). Fil-każ tal-partijiet, l-appellata telqet mid-dar bla raġuni tajba, irrifjutat u ppersistiet fir-rifjut li terġa' lura, għalkemm interpellata minn żewġha; u meta telqet mid-dar ħalliet warajha lill-uliedha, tnejn ta' sentejn u l-ieħor ta' sena, fil-waqt li dawn kellhom bżonn ta' l-omm, u missierhom kien irid joħroġ għax-xogħol, tant li l-appellant ħass il-bżonn li jerġa' jibgħathom għandha. Lanqas fettċet li tirregolarizza l-pożizzjoni tagħha b'kawża ta' separazzjoni qabel ma l-appellant, wara li xaba' jistenniha, ipproċeda kontra tagħha biex jiġi dikjarat li tilfet il-jedd għall-alimenti; u fettċet biss li toffri li tmur ma' żewġha meta rat li tilfet il-kawża tas-separazzjoni u l-kawża fejn ġiet dikjarata li tilfet id-dritt għall-manteniment; u offriet li terġa' tmur ma' żewġha wara li żewġha rrofta t-talba tagħha li għamlitlu permezz ta' l-avukat biex jagħmel separazzjoni konsenswali, u b'hekk uriet li ma tridx taf bih. Għaldaqstant ma jistax jingħad li dak l-abbandun ma kellux karattru gravement inġurjuż. U dik l-inġurja kompliet taggrava ruħha bl-akkużi li l-appellata għamlet u ġiebet il-quddiem kontra żewġha bħala kawżali tat-talba tagħha tas-separazzjoni, meta wieħed jikkunsidra li, skond sentenza li għaddiet "res judicata", dawk l-akkużi rriżultaw mhux veri (X, paġ. 49);

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi rriżulta wkoll li anki qabel ma l-appellata abbandunat lill-żewġha, l-imġieba tagħha lanqas kienet korretta; għax irriżulta li persistentement kienet tirrofta lill-żewġha d-debitu konjugali kapriċċjożament, għax ma kienx ikollha aptit; u dana jikkostitwixxi inġurja gravi wkoll, kif ġie deċiż f'ħafna sentenzi tal-Qrati Franċiżi ċitati mill-Baudry-Lacantinerie (ibid. no. 48 u 1). Meta tikkunsidra l-abbandun u r-rifjut tad-debitu konjugali, jidher ċar li l-imġieba ta' l-appellata kienet in-negazzjoni taż-żwieġ b'inġurja gravi kontinwa; u għalhekk it-talba ta' l-appellant għas-separazzjoni personali hija fondata, kif ukoll għall-effetti mitluba;

Ghal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tilqa' l-appell tal-konvenut, tirrevoka s-sentenza appellata, u tilqa' t-talbiet ta' l-attur appellant; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuta appellata. U tordna li l-kura tat-tfal tiġi fdata lill-attur appellant; salv lill-konvenuta appellata d-dritt ta' l-aċċess liberu lejhom.